A.L. 222 ta' l-2008

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti ta' l-2008 biex jemendaw l-Ordinamenti ta' l-2006 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad ta' l-2004 għall-Grad ta' Bachelor of Education (Honours) – B.Ed. (Hons) – taħt il-patroċinju tal-Fakultà ta' l-Edukazzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikoli 74 (5) u 75 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà ta' l-Edukazzjoni bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikolu 81 (1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat ta' l-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81 (2) ta' dak l-Att:

It-Titolu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti ta' l-2008 biex jemendaw l-Ordinamenti ta' l-2006 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad ta' l-2004 għall-Grad ta' Bachelor of Education (Honours) - B.Ed. (Hons), u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda ma' l-Ordinamenti ta' l-2006 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad ta' l-2004 għall-Grad ta' Bachelor of Education (Honours) - B.Ed. (Hons) - taħt il-patroċinju tal-Fakultà ta' l-Edukazzjoni, ippubblikati bħala Avviż Legali 24 ta' l-2006, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. (1) L-ordinament 3 għandu japplika għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2008 jew wara.

(2) L-ordinament 4 għandu japplika għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2010 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 9 ta' l-ordinamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (2) ta' l-ordinament 9 ta' l-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Jekk jagħżlu l-Edukazzjoni Primarja bħala qasam ta' speċjalizzazzjoni, l-applikanti għandhom ikunu:

(i) għaddew fil-Livell Avvanzat bi Grad C jew aħjar f'wieħed mis-suġġetti li ġejjin: l-Arti, il-Bijoloġija, il-Filosofija, il-Fiżika, il-Ġografija, il-Home Economics and Human Ecology, l-Information Technology, l-Ingliż, l-Istorja, il-Kimika, il-Komjuting, il-Malti, il-Matematika (Applikata jew Pura), il-Mużika, ir-Religious Knowledge u s-Soċjoloġija; u

(ii) għaddew fil-Livell Intermedju bi Grad C jew aħjar f'tnejn minn dawn is-suġġetti (is-suġġett ippreżentat fil-Livell Avvanzat ma jgħoddx): l-Arti, il-Bijoloġija, il-Filosofija, il-Fiżika, il-Ġografija, il-Home Economics and Human Ecology, l-Information Technology, l-Ingliż, l-Istorja, il-Kimika, il-Kompjuting il-Malti, il-Matematika (Applikata jew Pura), il-Mużika, ir-Religious Knowledge, is-Soċjoloġija, u x-Xjenza Ambjentali; u

(iii) għaddew minn testijiet ta' profiċjenza fl-Ingliż u fil-Malti, approvati mill-Fakultà, u kisbu l-European Computer Driving License (ECDL) qabel il-bidu tal-Kors. L-applikanti li ma jgħaddux mit-testijiet ta' profiċjenza u li ma jkollhomx l-ECDL qabel il-bidu tal-Kors ma jidħlux fil-Kors."

4. Minflok is-sotto-paragrafu (ċ) (vi) tal-paragrafu (3) ta' l-ordinament 9 ta' l-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(vi) għad-Disinn Tekniku u t-Teknoloġija (għad-dħul minn Ottubru 2010 'il quddiem):

(1) għaddew fil-Livell Avvanzat bi Grad C jew aħjar fl-Engineering Drawing jew fil-Komunikazzjoni Grafika, għaddew fil-Livell Intermedju bi Grad C jew aħjar fil-Fiżika, u għaddew fil-Livell Avvanzat bi Grad C jew aħjar f'xi suġġett ieħor; jew

(2) għaddew f'ħames suġġetti bi Grad 5 jew aħjar fl-Eżami għaċ-Ċertifikat ta' l-Edukazzjoni Sekondarja, inkluż fl-Ilsien Ingliż u l-Malti, flimkien ma' ċertifikat li għaddew fl-Oqsma ta' l-Għerf fl-Eżami għaċ-Ċertifikat tal-Matrikola fil-Livell Intermedju, u kisbu l-Advanced Technicians Diploma tas-City and Guilds of London Institute, jew il-BTEC Higher National Diploma fl-Electrical/Electronics Engineering (Course code 07/03/10) Livell 4, jew il-BTEC Higher National Diploma fl-Electrical/Electronics Engineering (Electronics) (Course code 07/03/11) Livell 4, jew il-BTEC Higher National Diploma fil-Mechanical Engineering (Course code 07/07/08) Livell 4, jew kwalifika kkunsidrata bħala ekwivalenti mill-Bord tad-Dħul ta' l-Università fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord."